KUNSILL LOKALI | LOCAL COUNCIL

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 003/2021

11 ta' Marzu 2021

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Marco Agius – Vici-Sindku
Noyah Spiteri Hammett – Kunsilliera
Johann Scerri – Kunsillier
Martin Vella – Kunsillier
James Cauchi - Kunsillier
Melanie Agius Attard - Kunsilliera

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sa. Alison Zerafa Civelli, Sindku , ippresjediet il-laqgha

## 3.1 Qari ta' ittri ta' apologija

3.1.1 Ma kienx hemm

## 3.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti

3.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 2/2021 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

3.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Marco ssekondata mis-Sa. Melanie Agius, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

3.2.3 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

## 3.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'inzijattiva bl-isem ta' *lollipop grannies* li l-Kunsill Lokali flimkien mal-Gvern Centrali kien qieghed jippjana illi jimplimenta fil-lokalita'. Is-Sindku ghaddiet lill-Kunsiliera prezenti dettalji dwar l-attivita'.

3.3.2 Is-Sindku gibdet l-attenzjoni tal-Kunsill Lokali dwar il-pagna ta' facebook tal-Kunsill Lokali u hegget sabiex isir uzu adegwat ghaliex dak li jinkiteb fil-pagna jirrifletti fuq il-Kunsill Lokali nnifsu.

3.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kien gie ffinalizzat il-process ta' dokumentazzjoni relatat ma' Grawnds Peppi Delceppo, liema materja kienet ser tkun qieghda tigi diskussa fid-dettall aktar tard waqt l-istess seduta.

## 3.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

3.4.1 Ma kienx hemm

## 3.5 Approvazzjoni ta' skedi ta hlasijiet;

3.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru03/21) ghall-approvazzjoni.

3.5.2 Fuq proposta tas-Sur Martin Vella ssekondat mis-Sur Johann Scerri, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

3.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' petty cash mahrug waqt ix-xahar ta' Frar 2021.

3.5.4 Fuq proposta tas-Sur Martin Vella ssekondata mis-Sur Johann Scerri, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' petty cash li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti ( Dok B)

**3.6 Sejhiet ghall-offerti /kwotazzjonijiet**

3.6.1 Ma kienx hemm materji x'jigu diskussi

**3.7 Grawnds Peppi Delceppo**

3.7.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kien gie konkluz il-process ta' ffirmar ta' dokumenti relatat mal-progett ta' rijabilitazzjoni ta' grawnds Peppi Delceppo. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi permezz ta' avukat imqabbad mill-Kunsill Lokali kien qieghed jigi abbozzat sett ta' bye-laws bil-ghan illi l-Kunsill Lokali jkun jista' eventwalment jikri *snack bar* li kien ser ikun qieghed jigi implimentat permezz tal-progett. Fir-rigward, hija sahqet illi kien jinhtieg illi jkun hemm diskussjoni dwar l-operat tal-istess snack bar u l-hlas ghall-kirjiet tal-grawnd 5-a-side li kien jinkorpora l-istess progett

3.7.2 Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi kemm il-darba jikun legalment possibbli, il-persuna/kumpanija li tiehu l-isnack bar kellha tkun responsabbli mill-hlasijiet tal-kontijiet tad-dawl u ilma tal-kumpless filwaqt li kellu jiehu l-hlasijiet ghall-kirja tal-picc tal-futbol ghalih. Is-Sindku u s-segretarju Ezekuttiv infurmaw lill-Kunsill Lokali illi kienu ser ikunu qieghdin jiddiskutu l-materja mal-avukat imqabbad mill-Kunsill Lokali u jaggornaw lill-istess Kunsill Lokali sabiex tkun tista' tittiehed decizjoni finali hekk kif ikun hemm aktar dettalji.

F'dan l-istadju harget mis-seduta il-Kunsilliera Melanie Agius ( 7:25p.m.)

**3.8 Rapporti**

F'dan l-istadju harget mis-seduta il-Kunsilliera Noyah Spiteri Hammett ( 7:30p.m.)

3.8.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsil Lokali illi kienet giet varata t-tieni skema tal-progett SGS Norway Grants. Min-naha tieghu, il-Kunsill Lokali ta' Bormla kien ippartecipa f'sessjoni informattiva li kienet inzammet u kemm il-darba jkun possibbli kien ser ikun qieghed jissottometti applikazzjoni. Is-Sindku ziedet tghid illi kemm il-darba ma jkunx hemm oggezzjonijiet l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet ser tkun qieghda tahdem sabiex timmeljora l-applikazzjoni precedenti.

F'dan l-istadju hareg mis-seduta il-Kunsillier James Cauchi ( 7:50 p.m.)

3.8.2 Is-Sindku ressqet rapport dwar korrispondenza li kienet waslet u li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Gie deciz illi l-Kunsill Lokali ma jippartecipa fi progett bl-isem ta' International Sports Programming Initiative, liema progett kien ser ikun qieghed jigi ffinanzjat mill-Unjoni Ewropeja. Flimkien mal-Kunsill Lokali ta' Bormla, kellu jkuin hemm numru ta' msiehba ohra minn Malta.
- Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jitlob lil Transport Malta parir dwar talba ghal skema ta' parkegg residenzjali li dwaru l-istess Kunsill Lokali kien ircieva petizzjoni.
- Il-Kunsill Lokali qabel illi ma kelliex tigi milqugha talba ta' individwu li allega li ghamel hsarat fil-vettura tieghu kawza ta' xogholijiet li kienu saru fiz-zona ta' San Gwann t'Ghuxa.
- Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi talba ghal hlas li kienet saret mic-Centru 19 ta' Novembru 1944 b'konnessjoni ma' kirja ta' arbli ghat-tizjin ta' zmien il-Milied (2020) ma kelliex tigi milqugha. Dan peress illi qabel sar ix-xoghol ma kienx hemm ftehim ghal hlas.
- Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jibghat korrispondenza lill-Perit responsabbli mix-xogholijietn ta' asfaltar ta' Triq il-Pellegrinagg b'konnessjoni ma' talba ghal traffic calmers.
- Korrispondenza li l-Kunsill Lokali rcieva minghang l-NGO moviment tpattija ghad-dagham kellha tintbaghat lill-Kunsilliera sabiex tigi evalwata u jintbaghat *feedback*.
- Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellha tintbaghat risposta lil resident li kien baghat ittra rigward monumenti f'gieh il-Gran Mastri Zondadari u Cottoner u s-Sur Sunny Aquilina. Fir-rispost r-resident kellu jkun infurmat b'dak li kien wettaq il-Kunsill Lokali b'konnessjoni mal-proposti li ntbaghatu.

3.8.3 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali stima tal-perit tal-Kunsill Lokali, liema stima kienet marbuta ma' xogholijiet ta' rigenerazzjoni ta' spazju miftuh li kien hemm fiz-zona ta' Fuq Verdala. Hija ziedet tghid illi l-istima ingabret b'konnessjoni ma' progett li kien qieghed jigi propost li jigi implimentat fiz-zona permezz ta'  skema mahruga mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali ( SPI/SCI/2/2021). Wara li gie diskuss il-progett, kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera illi l-Kunsill Lokali kellu japplika ghall-imsemmija skema bil-progett hekk kif propost.

**3.9 Aggornament tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

3.9.1 Is-seduta giet fi tmiemha fit-8:28p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghall-15 ta' April 2021 fil-5:30 p.m.

Konfermati, illum 15 t'April, 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ___________________ | _______________________ |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |